# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 17 ta' Jannar tas-sena 2002.**

**Numru 15**

**Avviz numru 670/00/SM**

**Michael Muscat**

**vs**

**Colin Polidano**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat iz-17 ta' Mejju tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lill-attur is-somma ta' elf lira Maltin (LM1,000) jew somma verjuri li tigi likwidata mill-Qorti bhala danni li sofra l-attur meta**

f'Hal-Far Road, B'Bugia fil-5 ta' Gunju 1999 hu kien qed isuq il-vettura tal-marka Ford Granada bin-numru IAB 065 laqat il-vettura tal-marka Ford Sierra bin-numru IAC 064, proprjeta' tal-attur, u dan prevja dikjarazzjoni li din il-kollizjoni grat unikament minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata l-15 ta' Gunju 1999 u bl-imghax legali kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-13 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. It-talba tal-attur ghandha tkun michuda stante l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma sehhx htija tal-eccipjent, izda gara unikament tort tal-attur innifsu;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh ghall-habta tal-4.30 p.m. tal-5 ta' Gunju ta' l-1999 f'Hal-Far Road, Birzebbugia, u kienu nvoluti l-vetturi dik tal-marka Ford Granada bin-numru ta' registrazzjoni IAB-065 misjqua mill-konvenut Colin Polidano, u l-vettura tal-marka Ford Sierra bin-numru ta' registrazzjoni IAC-064 misjuqa mill-attur Michael Muscat;

**2. Illi jirrizulta li z-zewg konducenti fuq indikati kienu qed isuqu fid-direzzjoni mill-Gudja lejn Hal-Safi bil-vettura ta' l-attur fuq quddiem, dik tal-konvenut fuq wara;**

**3. Illi l-attur isostni li xeghel l-"indicator" tieghu biex jidhol fid-direzzjoni lejn Hal-Safi u peress li kien hemm vettura ohra gejja minn naha opposta ma setghax jghamel hekk mill-ewwel;**

**4. Illi fil-pront l-attur isostni li sema' "brake" u meta hares fil-mera tal-vettura tieghu ra xi haga kannella gejja u sehhet il-kollizjoni fuq wara;**

**5. Illi l-konvenut jafferma li ra l-vettura ta' l-attur bl-"indicator" taghha mixghul u li sa dak il-mument kien madwar erbghin metru l-boghod;**

**6. Illi d-danni sofferti mill-attur huma debitament ikkonfermati;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jirrizulta li l-konvenut Colin Polidano kien qed isuq wara l-attur Michael Muscat u ma kellu xejn x'jostakola l-vizwali tieghu;**

**Illi jirrizulta li l-velocita' li kien qed isuq biha kienet eccessiva peress li jilhaq jaghmel id-distanza ta' erbghin metru fi ftit istanti;**

**Ghaldaqstant din il-qort filwaqt li tirrespingi t-talbiet tal-konvenut tilqa' dawk tal-attur u konsegwentement:**

**1. Tiddikjara lill-konvenut Colin Polidano unikament responsabbli ghall-incident in dizamina li sehh ghall-habta ta' l-4.30 p.m. tal-5 ta' Gunju ta' l-1999 f'Hal-Far Road, Birzebbugia;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur Michael Muscat fl-ammont ta' elf Lira Maltin, (LM1000.00,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Colin Polidano biex ihallas l-ammont hekk likwidat lill-attur Michael**

**Muscat bl-ispejjez u imghaxijiet dovuti skond il-ligi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**